- *permess skont Art. 231(1) Kap 12 biex isir appell minn sentenza in parte*

**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rik. Ġur. 44/2017 GM**

**Ballut Blocks Services Limited**

**vs**

**Bonnici Bros. Contractors Limited et.**

Digriet mogħti bil-miftuħ fis-seduta tal-21 ta' Frar 2019

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-soċjeta` attriċi ppreżentat fit-23 ta' Jannar 2019 li permezz tiegħu talbet li tingħata permess tappella mis-sentenza preliminari ta' din il-Qorti tas-17 ta' Jannar 2019;

Rat il-provvediment tagħha tat-30 ta' Jannar 2019 li permezz tiegħu ordnat in-notifika lill-kontropartijiet bi tmint ijiem għat-tweġiba u rriżervat li tiddekreta bil-miftuħ fis-seduta li jmiss;

Rat li Dr Ruth Ellul tat ruħha b'notifikata bir-rikors għal Bonnici Bros. Contractors Limited waqt l-udjenza tal-14 ta' Frar 2019 u ma ppreżentat l-ebda tweġiba entro t-terminu mogħti mill-Qorti filwaqt li fl-istess udjenza dehret Dr. Maria Attard li f'isem is-soċjeta` konvenuta l-oħra MDM Costruzioni Generali Srl irrimettiet ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti;

Rat l-Art. 231(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Rat li r-rikors sar ritwalment permezz ta' rikors fi żmien sitt ijiem mis-sentenza msemmija;

Ikkunsidrat:

Billi huwa opportun kemm għall-prattiċita` kif ukoll għall-ekonomija tal-ġudizzju li qabel ma din il-Qorti tinoltra ruħha fi kwistjonijiet dwar il-mertu jkun hemm ġudikat dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni suġġett tas-sentenza msemmija;

**Tilqa' t-talba.**

**Onor. Imħallef**

**Grazio Mercieca**